



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 13 ta' Frar 2024
(OR. en)

05789/24

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0464(NLE)

ACP 9
COAFR 42
COLAC 14
COASI 10
WTO 12
RELEX 98

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Membri tal-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/...

ta' ...

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea,
tal-Ftehim ta' Sħubija
bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda,
u l-Membri tal-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew
u tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 217, flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), u l-Artikolu 218(8), it-tieni subparagrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew¹,

¹ Kunsens ta'... (għadu mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/2861¹, il-Ftehim ta' Sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Membri tal-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim"), ġie ffirmat fil-15 ta' Novembru 2023, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.
- (2) Il-Ftehim jirrifletti kemm ir-relazzjoni storikament mill-qrib kif ukoll ir-rabtiet dejjem aktar b'saħħithom li qed jiżviluppaw bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Membri tal-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra, u x-xewqa tagħhom li jsaħħu u jestendu aktar ir-relazzjonijiet tagħhom b'mod ambizzjuż u innovattiv. Il-Ftehim jiddefinixxi mill-ġdid ir-relazzjoni bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha u l-Membri tal-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, inklużi l-prijoritajiet u l-metodi ta' ħidma fl-oqsma differenti ta' politika li għalihom il-Ftehim ikopri.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill [kif tinsab fid-dokument tal-Kunsill 8371/23 DCL 1] tal-20 ta' Lulju 2023 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-membri tal-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (OSAKP), min-naħa l-oħra (ĠU L, 2023/2861, 28.12.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2023/2861/oj>).

- (3) Il-konklużjoni tal-Ftehim hija mingħajr preġudizzju għall-eżerċizzju mill-Istati Membri tal-kompetenzi nazzjonali tagħhom, b'mod partikolari fl-oqsma tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, l-edukazzjoni u l-migrazzjoni, f'konformità mat-Trattati, u ma taffettwax ir-responsabbiltajiet tal-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.
- (4) Il-Ftehim jenħtieġ li jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim ta' Sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Membri tal-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra¹ ("il-Ftehim") huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jiddepożita l-istrument li jesprimi l-kunsens tal-Unjoni li tintrabat b'dan il-Ftehim previst fl-Artikolu 98(2) tiegħu².

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President

¹ It-test tal-Ftehim huwa ppubblikat fil-ĠU L, 2023/2862, 28.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2023/2862/oj.

² Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ser tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.